# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 24/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 25 ta' Jannar 2011 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |
| Skużat: | | Sur Charles Selvaggi |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie ppublikat nhar it-Tlieta, 20 ta'Jannar 2011. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 23/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-ħaddiema.
6. *Embellishment* fil-ġonna quddiem il-Knisja Parrokjali
7. *Bye-Laws* Pendenti
8. Kuntratt ta' *trenching* bi ftehim mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-AKL
9. Skeda ġdida għall-knis madwar l-Imsida
10. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
11. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
12. Affarijiet oħra jekk urġenti.
13. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 24/K6/2010

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 23/K6/2010

918. Is-Sindku ressaq il-minuti bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

919. Dwar minuta 897, M Baldacchino qalet li l-kliem 'għat-tfal' għandhom jitneħħew.

920. Is-Sindku ressaq il-minuti 23/K6/2010 għall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

921. E Brincat saqsa sarx progress fuq minuta 884. Is-Segretarju qal li l-applikazjoni għal permess DNO mal-MEPA ġiet validata u suppost fi żmien ġimgħatejn għandu joħroġ il-permess.

922. M Agius daħal fil-laqgħa. Ħin: 17.50

923. Dwar minuta 885, E Brincat saqsa sarx progress. M Agius qal li l-minuta tgħid li kellha tintalab laqgħa mal-Ministru. Is-Segretarju qal li kien għadu ma kitibx biex issir laqgħa.

924. E Brincat, dwar minuta 886, qal li l-pjanta mill-Perit saret, iżda għalissa mhux ser isiru modifiki għax jidher li bl-arranġamenti li saru mill-KOPTASIN il-problema issolviet. E Brincat ressaq biex jitneħħa parking bay fuq ix-xellug tas-*central strip* għax qiegħed ħażin. Il-Kunsill qabel.

925. Dott. Grima saqsa kienx hemm progress fuq minuta 891. Is-Segretarju qal li kellu isir *site meeting* iżda ġie mħassar. Ma kienx hemm progress f'dan is-sens. Is-Segretarju kompla li suppost Transport Malta għandhom jirranġaw il-ħsara.

926. Dwar minuta 892, is-Sindku qal li l-ittri li ntbgħatu lill-Ministri konċernati ma ġewx mwieġba. Kull ma għandna huma *acknowledments*. Is-Segretarju qal li llum stess attenda laqgħa ma uffiċjali mill-MRRA dwar it-tiswija tal-funtana quddiem l-Għassa. Is-Segretarju qal li t-tiswijiet iridu isiru pass pass, u l-ewwel pass huwa li titħaffer il-funtana u jinkixfu l-*pipes*. M Agius propona li nċemplu biex isiru laqgħat mal-Ministeri l-oħra. Il-Kunsill qabel.

927. Dwar minuta 894(a), Dott. Grima saqsa hemmx żvilupp. Is-Sindku qal li ma jafx jirrispondi.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

928. Dwar minuta 899, E Abela saqsa jekk intbgħatux l-ittri lir-residenti. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

929. Dwar minuta 901, Dott. Grima qal li ser jiltaqa' mas-Segretarju biex il-*Bye-Law* tiġi modifikata, u wara din tintbgħat lill-avukat tal-Kunsill.

930. Dwar minuta 902, M Baldacchino qalet li Transport Malta waħlu tabelli mingħajr ma informaw lill-Kunsill. Is-Segretarju qal li Transport Malta ma hix obligata tinforma lill-Kunsill Lokali.

931. Dwar minuta 905, is-Sindku qal li tkellem ma' Dott. Grima biex il-laqgħa tal-lokalita tiġi posposta u sar qbil biex il-laqgħa issir nhar l-4 ta' Frar 2011, fis-6pm.

932. Dwar minuta 909, is-Sindku qal li t-*tournament* ma sarx peress illi xi gruppi irtiraw is-sehem tagħhom. Huwa qal li s-sotto kumitat ħa jiprova jgħamel it-*tournament* fid-19 ta' Marzu 2011. M Agius qal li darba oħra missa intbgħatet e-mail għax xi Kunsilliera marru għalxejn.

933. Dwar minuta 915, Dott. Grima saqsa sarx progress dwar il-manutenzjoni fil-latrina tal-irġiel. Is-Segretarju qal li x-xogħol ordnat u daqt jibda.

Punt 3 Korrispondenza

934. 0051 – Is-Sindku qal li din hija ittra mibgħuta mis-CEO ta' Transport Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill illi l-ilmenti li ntbgħatu lill-Ministru Gatt ġew mgħoddija għandu.

935. 1882 – Is-Sindku qal li din hija ittra ta' *acknowledgement* li l-ilmenti li l-Kunsill bgħat lill-Ministru tal-Finanzi waslu.

936. 0103 – Is-Sindku qara l-korrispondenza ta' ringrazjament mis-Sotto Kumitat għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali.

937. 1859 – Is-Sindku qara l-ittra mill-MEPA li tindika li ma hemmx bżonn l-ebda permess biex jinqalgħu is-siġar fis-*central strip* ġewwa Triq il-Wied.

938. 1875 – Is-Sindku ressaq il-korrispondenza fejn jidher li l-inħawi quddiem l-Invicta fi Triq Misraħ il-Barrieri reġgħu tħammġu minħabba *dumping* illegali. Il-Kunsill qabel li jitnaddaf l-inħawi msemmija.

939. Is-Segretarju ressaq korrispondenza mid-Dipartiment, mibgħuta mis-Sur James Catania, fejn is-Segretarju kien saqsa jekk hux possibli li, wara tlett snin ta' servizz, is-Sin. Mirane Camilleri tistax tiġi *promoted* għal skala 13, peress li s-Sin. Camilleri għada impjegata fuq skala 15, imma x-xogħol li tgħamel ta'

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

*accounts* ma huwiex ta' skala 15. It-twegiba tas-Sur Catania tindika li dan jista isir bl-approvazjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li s-Sin. Camilleri tiġi *promoted* għal skala 13.

940. Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-*maternity leave* tas-Sin. Rachel Aquilina. Il-Kunsill qabel li s-Sin. Aquilina, bi ftehim magħha, terġa tibda taħdem fuq *reduced hours*, flessibli għall-esiġenzi familjari tagħha.

941. M Agius qal li l-Kunsill rċieva korrispondenza mid-Direttur tal-NSTS, li prova jindika li kellu permess biex jgħamel ir-rampa li talab fi Triq l-Universita. Is-Segretajru qal li kien reġa kitiblu biex juriħ li ma ingħatalux permess mill-Kunsill.

Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar

942. Ic-*Chairperson* qalet li l-Kumitat ser ikun qed jiltaqa biex jiddiskuti l-iskema tal-Housing Estate, u huma bi ħsiebhom japlikaw għall-*Housing Estate* li tinsab fi Triq Balliju ta' Guttenberg, Swatar.

943. Ic-*Chairperson* qalet ukoll li Transport Malta waħlet tabelli tat-traffiku fi Triq il-Ġostra mingħajr ma infurmat lil ħadd.

Punt 5 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-ħaddiema.

944. Is-Sindku ressaq ir-rapporti ta' *performance appraisal* tal-ħaddiema klerikali u tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva li l-*performance bonus* jingħata *in full* lill-ħaddiema kollha.

Punt 6 *Embellishment* fil-ġonna quddiem il-Knisja Parrokjali.

945. E Brincat propona li jsiru proġetti ta' *embellishment* fil-ġonna ta' quddiem il-Knisja. Il-Proġetti jinkludu:

Il-Ġnien fejn il-Klabb tal-Boċċi – jinbidel il-madum, jitmexxa l-kanun, jitranġa ċ-ċint fuq barra tal-ġnien u jitranġa d-dawl.

Il-Ġnien quddiem il-Knsija – il-Kunsill qabel li jitqabad *designer* biex isir disinn modern għal dan il-ġnien. Id-disinn ġdid għandu jinkludi bdil radikali tal-ġnien b'madum u dwal ġodda.

Bankina quddiem il-Każin tal-Banda – Il-Kunsill qabel li din tiġi mibnija mill-ġdid permezz ta' *paving blocks*.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 7 *Bye-Laws* Pendenti

946. Is-Segretarju spjega li l-*bye-law* tal-użu ta' kontenituri madwar l-iskejjel, dwar ħlasijiet għall-attivitajiet tal-Kunsill u dwar ordni fl-iskall tas-sajjieda għandhom jiġu ppublikati għal publiku fil-ġimgħat li ġejjin.

Punt 8 Kuntratt ta' *trenching* bi ftehim mal-Korporazjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-AKL

947. Is-Segretarju spjega li l-AKL ftehmet mal-Korporazjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jinbidel il-metodu ta' ħlas għal permessi ta' *trenching* li tgħamel l-Korporazjoni.

948. Is-Segretarju qal li issa l-Kunsill ser ikollu jibda jgħamel *resurfacing* huwa stess fuq ix-xogħlijiet ta' *trenching* tal-Korporazjoni, u jibgħat Invoice lill-Korporazjoni kull sitt xhur.

Punt 9 Skeda ġdida għall-knis madwar l-Imsida

950. Is-Sindku ressaq proposta ta' skeda tal-knis madwar l-Imsida ġdida kif proposta mill-*Contracts Manager*. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-proposta, u qabel li ssir laqgħa mal-kuntrattur, li fiha ser jattendu il-Kunsilliera E Brincat u Dott. Grima.

Punt 10 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

951. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazjoni. Dott. Grima ssekonda. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, Dott. Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 11 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati

952. Kumitat Offerti Publiċi – Is-Sindku qal li l-Kumitat iddiskuta l-offerti għas-servizz ta' manutenzjoni ta' toroq u bankini, u qed jipproponi li tingħażel l-offerta ta' Road Maintenace Services Ltd. peress illi dan il-kuntrattur dejjem wera effiċjenza mal-Kunsill Lokali, u għandu ukoll l-irħas oferta.

953. Sotto-Kumitat Anzjani – Ic-*Chairperson* qal li l-ħarġa li saret dalgħodu f'Marsaskala, u d-diskussjoni dwar r-riċiklaġġ kienet tajba.

Punt 12 Affarijiet oħra jekk urġenti

954. E Brincat preżenta r-rapport tad-dekasteru tiegħu. Huwa propona ukoll illi jekk terġa toħroġ l-iskema tal-*Public Private Partnership* għal manutenzjoni ta' toroq, jekk ikun finanzjarjament possibli, isir manutenzjoni fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex. Il-Kunsill qabel.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

955. E Brincat propona li isir raff fil-garaxx tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

956. M Baldacchino preżentat ir-rapport tad-dekasteru tagħha.

957. Is-Sindku qal li r-rapport tad-dekasteri tiegħu ġie mqassam lill-Kunsilliera.

958. M Agius qal li l-Kunsill għandu jibqa għaddej bl-infurzar tal-liġijiet ambjentali permezz tal-*green wardens*, u li dan jiżdied għal darbtejn fil-ġimgħa. Huwa ressaq ukoll biex ikun hawn servizz tal-wardens tat-traffiku mal-lejl.

959. M Agius propona li issir attivita għat-tfal dwar ir-riċiklaġġ, u li l-Kunsill jerġa iqassam lill-publiku boroż griżi għall-iskart riċiklat.

960. M Agius qal li llum rċieva l-informazjoni li kien talab mil-Kunsill dial il-ħsarat li għandhom jirranġaw l-Enemalta ġewwa l-Imsida. Huwa qal li l-Kumitat tiegħu ser jieħu ħsieb dawn l-ilmenti.

961. E Abela talab li tinxtara camera tar-ritratti u *megaphone*. Is-Segretarju qal li hawn bżonn li jinxtraw ukoll xi komputers u laptop. Il-Kunsill qabel li jinħareġ tender għax-xiri ta' dawn il-komputers.

Punt 13 Aġġornament

962. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2011.

963. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 19.44

Approvati llum ______________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com